KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti
Kunsill Lokali Ghajnsielem
Is-Sitt Legislatura
Laqgha Ad Hoc

6 ta' Frar, 2012 fis-2.30pm

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | -Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sjr Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Is-sindku ta bidu ghal-laqgha.

2. Ftuh tac-Centru Civiku

Is-sindku spjega kif id-data li ghazel il-Kunsill biex jinfetah ic-Centru Civiku, dik tal-24 ta' Frar, 2012 ser tahbat mal-attivita` tal-Orkestra Nazzjonali f'Ghajnsielem. Saret diskussjoni fejn irrizulta li fil-25 ta' Frar anqas jista jinfetah, peress li hemm l-elezzjoni tal-Kap tal-Partit Nazzjonalista. Fil- laqgha precidenti l-Kunsill kien qabel li c-Centru civiku jinfetah mill-Ministru ghal-Ghawdex, Giovanna Debono.

Is-sindku kompla jghid li fil-31 ta' Jannar, huwa flimkien mas-seg. Ezekuttiv attendew ghal-laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija fil-Furjana rigward l-Ghassa l-gdida. Ghal-din il-laqgha kienu prezenti ukoll is-Supertendent tal-Pulizija f'Ghawdex, is-Sur Simon Galea, kif ukoll id-deputat Kummissarju. F'din il-laqgha saret diskussjoni ta x'hemm bzonn li jsir biex l-Ghassa tinfetah mill-aktar fis possibli. L-Kummissarju xtaq li l-kamra tat-toilet tal-Berga ssir il-kamra tat-toilet tal-Ghassa, u vice versa. Is-sindku spjega kif huwa talab parir fuq dan min ghand il-Perit Salvu Micallef, fejn dan indika li din it-talba ma tistax tigi milquha peress li bejn iz-zewg kmamar hemm dislivell ta' 9 pulzieri. Is-sindku kompla jghid li l-fanal tal-Pulizija ser jehel mal-kantuniera tal-Ghassa, filwaqt li l-Kunsill irid jordna arblu tal-Stainless Steel biex jehel mal-gemb tal-Ghassa ghal-bandiera. Il-kunsill qabel ma dan.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Is-sindku kompla jghid kif il-Kummissarju tal-Pulizija offra li jaghti s-servizz tal-banda tal-Pulizija ghall-okkazzjoni tal-ftuh tac-Centru Civiku. Il-kunsill accetta din il-proposta.

Is-sindku spjega kif il-gurnata ta' qabel, huwa ltaqa' mal-Prim Ministru, fejn dan wera x-xewqa li jiftah hu c-Centru Civiku. Huwa propona li dan jinfetah fit-3 ta' Marzu, biex huwa jkun jista jattendi. Saret diskussjoni, fejn is-sindku u s-Sur Peter Caruana qablu li jifthu il-Prim Ministru, Stephen Mercieca, Joe Camilleri u Larry Buttigeg preferew li jinfetah mill-Ministru ghal-Ghawdex, Giovanna Debono. Is-sindku fakkar li l-Ghajn trid tinfetah mill-Ministru ghal-Ghawdex, peress li din qed issir mill-fondi ghal-Eko Ghawdex. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li c-Centru Civiku ghandu jinfetah mill-Prim Ministru fit-3 ta' Marzu, fl-4.30pm.

Is-sindku spjega li skond l-etika u l-protocol, il-kelliema iridu jkunu s-sindku, il-Ministru tal-Kunsilli Lokali Dr Carmelo Mifsud Bonnici u l-Prim Ministru. L-Onor Chris Said ma jistax jaghmel id-diskors tieghu peress lid an m'ghadux responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Dr Stefan Buontempo ser ikunu mistiedna ukoll, f'isem il-Partit Laburista.

Il-kunsill approva li l-istendin ikunu bil-*partner* u t-tberik ghandu jsir mill-Arcipriet Dun Frankie Bajada.

Tmiem: 3.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv